**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 7/06VG**

**Fl-Atti ta' l-Ittra Ufficjali datata 3 ta' Novembru 2005 fl-ismijiet:**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Vs**

**Joseph Attard**

**Illum 24 ta' Lulju 2018**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Joseph Attard fil-21 ta' Novembru 2005 wara l-ittra ufficjali datata 3 ta' Novembru 2005 fl-ismijiet "Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Joseph Attard" permezz ta' liema gie interpellat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jhallas is-somma ta' elf hames mija disa' u disghin Liri Maltin (Lm1,599), illum ekwivalenti ghal tlett elef seba' mija erbgha u ghoxrin Euro u sebgha u sittin centezmu (€3,724.67), rapprezentanti taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja ghas-snin ta' stima 1978, 1979, 1980, 1981, 1982, 1983, 1984, 1985, 1986, 1988 u 1990, permezz ta' liema Rikors jitlob li l-Qorti tichad it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni avvanzata bl-imsemmija ittra ufficjali stante li: (i) l-ammont pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni mhux dovut peress illi huwa dejjem hallas dak rikjest minnu skond il-Ligi tat-Taxxa fuq id-Dhul u ghamel l-*objections* tieghu skond il-Ligi u ghaldaqstant ma hemmx pendenzi mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni; u (ii) l-ammont pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa fi kwalunkwe kaz preskritt ai termini ta' l-Artikolu 47(2) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) l-istimi ghas-snin ta' stima 1978 u 1979 gew riveduti wara oggezzjoni mir-Rikorrent u issa ghalhekk saru finali u konklussivi; (ii) l-istimi ghas-snin ta' stima 1980 u 1981 ukoll saru finali u konklussivi stante li r-Rikorrent ma ghamilx oggezzjoni fuqhom; (iii) fuq l-istimi ghas-snin ta' stima 1982 sa' 1990 sar ftehim bejn il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u r-Rikorrent fit-12 ta' Frar 2001 li permezz

tieghu ir-Rikorrent qabel li jhallas l-ammonti indikati fuq l-istess ftehim, liema ammonti huma identici ghal dawk li ntalbu fl-ittra ufficjali tat-3 ta' Novembru 2005; u (iv) ebda preskrizzjoni ma tapplika fuq l-ammonti mitluba minghand ir-Rikorrent ai termini ta' l-Artikolu 47(2) u (4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokument markat Dok. "LM" anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni a fol. 5 tal-process;

Rat in-Nota Spjegattiva tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni a fol. 72 u 73 tal-process;

Rat is-sentenza fl-ismijiet "Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Alfred Caruana" Appell Civili Nru. 266/05 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar 2007 esebita mir-Rikorrent permezz ta' Nota pprezentata fis-6 ta' Novembru 2012 a fol. 93 sa' 108 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni finali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jitlob li l-Qorti tichad il-pretensjoni avvanzata fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' ittra ufficjali fl-ismijiet "Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Joseph Attard" datata 3 ta' Novembru 2005, permezz ta' liema qed jigi interpellat ihallas is-somma ta' Lm1,599, illum ekwivalenti ghal €3,724.67, rapprezentanti taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja ghas-snin ta' stima 1978, 1979, 1980, 1981, 1982, 1983, 1984, 1985, 1986, 1988 u 1990. Huwa jibbaza t-talba tieghu fuq is-segwenti pretensjonijiet: (i) l-ammont pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni mhux dovut peress illi huwa dejjem hallas dak rikjest minnu skond il-Ligi tat-Taxxa fuq id-Dhul u ghamel l-*objections* tieghu skond il-Ligi u ghaldaqstant ma hemmx pendenzi mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni; u (ii) l-ammont pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa fi kwalunkwe kaz preskritt ai termini ta' l-Artikolu 47(2) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigu michuda stante li: (i) l-istimi ghas-snin ta' stima 1978 u 1979 gew riveduti wara oggezzjoni mir-Rikorrent u issa ghalhekk saru finali u konklussivi; (ii) l-istimi ghas-snin ta' stima 1980 u 1981 ukoll saru finali u konklussivi stante li r-Rikorrent ma ghamilx oggezzjoni fuqhom; (iii) fuq l-istimi ghas-snin ta' stima 1982 sa' 1990 sar ftehim bejn il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u r-Rikorrent fit-12 ta' Frar 2001 li permezz tieghu ir-Rikorrent qabel li jhallas l-ammonti indikati fuq l-istess ftehim, liema ammonti huma identici ghal dawk li ntalbu fl-ittra ufficjali tat-3 ta' Novembru 2005; u (iv) ebda preskrizzjoni ma tapplika fuq l-ammonti mitluba minghand ir-Rikorrent ai termini ta' l-Artikolu 47(2) u (4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mir-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi u anke mill-mod kif ressaq il-kaz tieghu quddiem din il-Qorti jirrizulta li l-eccezzjonijiet centrali tieghu essenzjalment huma

tnejn, u cioè li: (i) fir-rigward tas-snin ta' stima 1982 sa' 1990 ir-Rikorrent kien dahal fi ftehim mal-Kummissarju datat 12 ta' Frar 2001 u ghalhekk hemm accettazzjoni da parte tar-Rikorrent dwar l-ammonti minnu dovuti ghal dawk is-snin ta' stima w it-terminu ta' tmien snin dekoribbli minn dakinhar tal-ftehim kien ghadu ma ddekorriex sa' meta giet ipprezentata l-ittra ufficjali kontestata f'dawn il-proceduri; u (ii) fir-rigward tas-snin ta' stima l-ohra - u b'mod generali fi kwalunkwe kaz ghas-snin ta' stima kollha - japplika l-provvediment ta' l-Artikolu 47(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta li essenzjalment jwarrab il-preskrizzjoni li già tkun iddekorriet u jippermetti lill-Kummissarju jagixxi ghall-gbir tat-taxxa dement li dan isir entro il-31 ta' Dicembru 2005.

Ghal kull buon fini jigi osservat li ghalkemm b'Rikors ipprezentat fid-9 ta' Mejju 2008 [1] il-Kummissarju tat-Taxxi Interni talab li jigi awtorizzat jesebixxi dokumentazzjoni, senjatament itttra ufficjali datata 6 ta' Mejju 1994 mahruga fil-konfront tar-Rikorrent, Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 2985/95 fl-ismijiet "Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Joseph Attard" u l-prorogi ta' tali Mandat, ghall-fini li juri li t-terminu preskrittiv ta' tmien snin stipulat fil-Ligi gie interott diversi drabi, bl-ahhar darba tkun bin-notifika tad-Digriet ghall-proroga tal-Mandat datat 25 ta' Awwissu 1998, l-istess Kummissarju ma ghamel xejn fir-rigward ta' tali Rikors - ossia ma ghaddiex ghan-notifika ta' l-istess lill-kontro-parti - bil-konsegwenza ghalhekk li sa' llum tali Rikors baqa' ma giex degretat finalment, u in verità ma jistax jigi degretat finalment peress li r-Rikorrent baqa' qatt ma gie notifikat bir-Rikors, b'dana li d-dokumentazzjoni li ghaliha jaghmel referenza l-Kummissarju ma tikkostitwixxix prova fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Trattata din il-kwistjoni l-Qorti ser tghaddi biex tittratta t-talbiet tar-Rikorrent vis-a-vis il-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-snin ta' stima in kwistjoni u ser tibda l-ewwel billi tikkunsidra s-snin ta' stima 1982 sa' 1990, liema snin ta' stima jiffurmaw is-suggett tal-ftehim mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datat 12 ta' Frar 2001.

Mid-dokument Dok. "LM" esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni flimkien mar-Risposta tieghu a fol. 5 tal-process, tirrizulta s-segwenti dikjarazzjoni tar-Rikorrent, minnu ffirmata appuntu fit-**12 ta' Frar 2001**: *Jiena, Joseph Attard (336245M), li noqghod Mosta, nirtira l-oggezzjonijiet li ghamilt bl-ittri tieghi bid-data ta' 17/04/83, 23/04/84, 10/08/87, 03/12/87, 06/08/88, 09/12/91, kemm-il darba l-qligh min-negozju (nett minn kull tnaqqis kapitali u kull tnaqqis iehor) jigi kif gej:..... It-taxxa addizzjonali tonqos ghal Lm4. Dan il-ftehim hu suggett ghall-approvazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni.* Ladarba dan il-ftehim tressaq bhala prova da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni stess, ma ghandux ikun hemm dubju li l-istess Kummissarju ta l-approvazzjoni tieghu ghal tali ftehim.

Fil-fehma tal-Qorti tali dikjarazzjoni u konsegwenti ftehim milhuq bejn ir-Rikorrent u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni wasslu biex it-terminu ta' tmien snin stipulat fl-Artikolu 47(2) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta li kien lahaq iddekorra fir-rigward

[1] Fol. 19 u 20 tal-process.

tas-snin ta' stima 1982 sa' 1990 gie rinunzjat da parte tar-Rikorrent u rega' beda jiddekorri mill-gdid b'effett mit-12 ta' Frar 2001.

Din l-osservazzjoni tal-Qorti ssib konferma fis-sentenza fl-ismijiet **Julius Camilleri v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Rik. Nru.290/05** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Jannar 2012, li a sua volta ghamlet referenza ghas-sentenza pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "Emanuel Zammit v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" deciza fid-29 ta' Marzu 2009, fejn b'referenza ghal-ftehim bejn it-*taxpayer* f'dawk il-proceduri u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni osservat li: *b'dan il-ftehim inkisret kull preskrizzjoni li setghet ghaddiet, ghax bis-sahha ta' dan il-ftehim, ir-rikorrent mhux biss accetta l-ammont tal-qliegh tieghu, izda accetta wkoll b'liema rati mensili kellu jhallas il-bilanc ta' taxxa dovuta.*

Fid-dawl ta' dan ghalhekk jirrizulta li t-terminu ta' tmien snin ghall-azzjoni da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-gbir ta' taxxa fuq il-income dovuta mir-Rikorrent ghas-snin ta' stima 1982 sa' 1990 skada fil-**12 ta' Frar 2009**, ossia **wara** li giet ipprezentata u notifikata l-ittra ufficjali datata 3 ta' Novembru 2005 formanti il-mertu ta' dawn il-proceduri. Apparte l-fatt li l-ftehim in kwistjoni wassal ghar-rinunzja tal-preskrizzjoni li lahqet iddekorriet sat-12 ta' Frar 2001 fir-rigward tas-snin ta' stima formanti l-mertu ta' dak il-ftehim, fih ir-Rikorrent accetta x'kellhom ikunu l-ammonti ta' qligh taxxabbli ghas-snin ta' stima 1982 sa' 1990 b'dana ghalhekk li kwalunkwe pretensjoni tieghu li ebda ammont ma huwa minnu dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi ghaliex dejjem hallas dak minnu dovut skond l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income ma tistax tregi.

Fid-dawl ta' dan osservat ghalhekk il-Qorti tqis li t-talba ghall-hlas tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni avvanzata fil-konfront tar-Rikorrent bl-ittra ufficjali datata 3 ta' Novembru 2005, in kwantu rigwarda it-taxxa fuq id-dhul dovuta ghas-snin ta' stima 1982 sa' 1990, iz-zewg snin ta' stima inkluzi, ma hijiex preskritta **u** hija fattwalment u guridikament gustifikata u b'hekk ghandha tigi milqugha.

Ghal dak li jirrigwarda r-rimanenti snin ta' stima, ossia s-snin ta' stima 1978, 1979, 1980 u 1981 il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jsostni li l-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 47(2) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta ma tapplikax fid-dawl ta' dawk provdut fis-subartikolu (4) ta' l-istess Artikolu tal-Ligi.

L-imsemmi Artikolu 47(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *meta l-azzjoni imsemmija fis-subartikoli (2) u (3) ma tkunx ittiehdet fiz-zmien hemm stipulat, u dak iz-zmien jiskadi fil-31 ta' Dicembru 2003 jew qabel dik id-data, ghaldaqstant, minkejja d-disposizzjonijiet ta' dawk is-subartikoli, l-azzjoni ghall-hlas ta' dik it-taxxa, taxxa addizzjonali, imghax jew penali tista' tittiehed sal-31 ta' Dicembru 2005.* Huwa evidenti li l-Kummissarju jikkontendi li ladarba l-ittra ufficjali in kwistjoni giet ipprezentata fit-3 ta' Novembru 2005, din giet ipprezentata entro it-terminu prefiss fil-Ligi bil-konsegwenza ghalhekk li l-azzjoni fil-konfront tar-Rikorrent ghall-gbir ta' taxxa ma hijiex preskritta.

Il-Qorti tosserva li ormai huwa principju stabbilit fis-sistema guridika nostrali li sakemm ma jirrizultax li fil-kaz specifiku kien hemm xi ostakolu legittimu jew gustifikabbli ghad-Dipartiment tat-Taxxi Interni biex ma jagixxix entro t-terminu

prefiss fl-Artikolu 47(2) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-gbir tat-taxxa dovuta ghal sena/snin ta' stima partikolari, il-provvediment enuncjat fl-Artikolu 47(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta ma jsibx applikazzjoni.

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Alfred Caruana, Appell Civili Nru. 266/05** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar 2007, li fuqha appuntu jibbaza l-kontestazzjoni tieghu r-Rikorrent, fejn fir-rigward ta' l-Artikolu 47(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta gie osservat illi: *Ma jidherx li hemm kwestjoni ... li l-Kostituzzjoni taghna, ad eccezzjoni u limitatament fil-kaz ta' ligijiet ta' indoli kriminali, ma tipprojbix il-promulgazzjoni mill-legislatur ta' ligijiet jew disposizzjonijiet retroattivi. Jinsab ritenut di fatti illi "... hadd ma jista' jichad lill-legislatur dan il-poter, sakemm il-ligi tohrog mill-organu kompetenti u bil-formalitajiet li jmissha; u, bhal ligijiet ohra, it-tribunali huma tenuti japplikawha" ("Neg. John Coliero nomine -vs- Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier nomine et", Prim' Awla, Qorti Civili, 22 ta' Gunju 1957). Il-posizzjoni tal-ligi taghna f' dan ir-rigward hi tista' tghid analoga ghal Kostituzzjoni ta' bosta gurisdizzjonijiet ohra. Hekk kif deciz fl-Italja mill-Qorti Kostituzzjonali, anke jekk hu rikonoxxut id-divjet generali tar-retroattività tal-ligi, fl-Artikolu 11 tad-Disposizzjonijiet Generali taht il-Kodici Civili Taljan, "lo stesso non sia stato tuttavia elevato a dignita costituzionale ad eccezione di quanto stabilito dell' art. 25 Cost., limitatamente alle leggi in materie penali." (ara Sentenzi Numru 397 ta' l-1994 u Numru 291 ta' l-2003). Konsegwentement, issokta jigi ragonat, dejjem mill-istess Qorti Kostituzzjonali ta' dak il-pajjiz, illi "il legislatore ordinario può, nel rispetto di tale limite, emanare norme retroattive, purchè trovino adeguata giustificazione sul piano della ragionevolezza e non si pongono in contrasto con altri valori ed interessi costituzionalmente protetti, cosi da non incidere arbitrariamente sulle situazioni sostanziali poste in essere dalle leggi precedenti. Se questi condizioni sono osservate, la retroattività, di per se da sola, non puo ritenersi elemento idoneo ad integrare un vizio della legge' (ara Decizjoni Numru 432 ta' l-1997). Huwa ferm importanti, però li jigi osservat illi filwaqt li dawn id-decizjonijiet jsostnu dan, fl-istess waqt jistitwixxu wkoll certi limitazzjonijiet. Hekk oltre ghar-rilevanza ta' certi principji ta' harsien kostituzzjonali l-istess Qorti Suprema fl-Italja tirrikorri wkoll ghal valuri ohra fundamentali ta' civilità guridika ghat-tutela tad-destinatarji tal-ligi. Fost dawn hemm inkluzi r-rispett tal-"principio generale di ragionevolezza", "la tutela dell' affidamento legittimamente sorto nei soggetti quale principio connaturato allo Stato di diritto", "la coerenza e la certezza dell' ordinamento giuridico" u "il rispetto delle funzioni costituzionalmente riservate al potere giudiziario" (ara Sentenza Numru 6 ta' l-1994). Huwa dezumibbli minn dak li appena nghad illi r-retroattività ta' ligi ma tesponix ruhha awtomatikament ghac-censura tal-kostituzzjonalità taghha. Biex dan jissucciedi jrid jirrizulta li jkunu gew vjolati precetti kostituzzjonali jew principji inerenti ghall-istat tad-Dritt. In partikulari, il-principju tar-ragonevolezza l-ghala giet dettata l-ligi u dak ta' l-affidament tac-cittadini, jew tal-kontribwenti fil-materji fiskali, fl-istabilità u c-certezza ta' l-ordinament guridiku. Dan premess, ghandu jigi notat illi l-Qrati taghna ma baqghux lura milli huma wkoll jissottolinejaw certi principji in materja ta' retroattività ta' ligi fiskali. Minn dak ricerkat il-kwestjoni jidher li qamet fil-kawza fl-ismijiet "Michele Muscat -vs- L-Onor. Roberto Briffa, Collettore delle Dogane", Prim' Awla, Qorti*

*Civili, 12 ta' April 1919. Fiha nghad illi di regola ligi promulgata m' ghandhiex ikollha effett hlief ghal quddiem b' mod li ma ghandhiex testendi ruhha "ai fatti già compiuti e consumati: La legge di regola, quindi, non ha effetto retroattivo ed è di diritto volgare il broccardo che 'lex non habet oculus retro'." Affermata din ir-regola generali ssokta jinghad f' din l-istess sentenza illi "quantunque sia in facolta del legislatore espressamente dichiarare che la legge debba comprendere nel suo impero anche gli atti, che non fossero ancora compiuti, tuttavia i diritti quesiti sono sempre di giustizia dalla legge rispettati". Approfondiment ta' dan il-hsieb insibuh profess fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell in re "Chev. Antonio Cassar Torreggiani -vs- Nutar Dr. Vincenzo Gatt nomine", 12 ta' Mejju 1950. F' din gie puntwalizzat illi "sew jekk id-dritt kwezit ikun kompjut, sew jekk ikun l-origini ta' fatt li jkun gara taht il-ligi precedenti, u d-dritt skond dik il-ligi jkun perfett u kompjut, u fl-istess hin ikun dahal fil-patrimonju ta' min jirreklamah, u l-okkazjoni ta' l-ezercizzju tieghu tipprezenta ruhha taht il-ligi l-gdida, fl-ewwel ipotesi ghaliex ir-retroattività hija impossibbli w assurda, u fit-tieni ipotesi l-ghaliex l-istess dritt ikun perfett taht il-ligi antika qabel ma nholqot l-okkazjoni ta' l-ezercizzju tieghu taht il-ligi gdida, l-istess ghandu jigi rispettat, u l-ligi gdida, ma ghandhiex, skond il-principji elementari tal-gustizzja w ekwità, ikollha setgha fuqu".*

Il-Qorti ta' l-Appell osservat ulterjorment illi *r-riperkussjoni ta' l-estensjoni ta' dak it-terminu bl-introduzzjoni tad-disposizzjoni l-gdida, kodifikata fis-subinciz (4) … iqieghed quddiem il-Qorti konsiderazzjoni ta' l-istitut tal-preskrizzjoni u, senjatament, ghall-iskop ta' l-indagini tat-tematika involuta tar-retroattività, li tinghata twegiba ghall-kwezit jekk l-estensjoni tat-terminu preskrittiv ghandhiex ikollha s-setgha tar-revivixxenza tad-dritt ta' azzjoni li jkun gjà estint taht il-ligi kif kienet qabel id-dhul fis-sehh tad-disposizzjoni agguntiva. L-ewwelnett, ghal dik li hi proposizzjoni ta' ligi, m' hemmx dubju li wiehed mill-obbjettivi tal-preskrizzjoni hu dak li wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi [Artikolu 2107 (2), Kodici Civili]. Jidher minn dan, kif konkordi wkoll fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, illi l-indoli ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi wahda procedurali. F' dan il-kuntest il-Qorti jidhrilha li ghandha tissenjala dawn il-precedenti li gejjin:- (1) Fis-sentenza "Philip Agius nomine -vs- Avv. Dr. Joseph A. Micallef et nomine", 20 ta' Frar 1952, il-Qorti tal-Kummerc, sedenti l-Onor. Imhallef William Harding, irrimarkat illi "l-preskrizzjoni liberatorja hija attinenti mhux ghas-sustanza ta' l-obbligazzjoni, imma ghall-azzjoni. Infatti l-Artikolu 1188 Kodici Civili (fil-prezent, Artikolu 1145) isemmi s-seba' modi ta' estinzjoni ta' l-obbligazzjonijiet, u fosthom ma jikkomprendix il-preskrizzjoni, ghalkemm isemmi l-preskrizzjoni biss in vija ta' rizerva ta' l-effetti taghha. Mhux biss, imma l-Artikolu 2212 (illum l-Artikolu 2107) tal-Kodici jiddefinixxi 'expressis verbis' il-preskrizzjoni liberatorja bhala mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni"; (2) Il-kwestjoni qamet ukoll fis-sentenza "Carmelo Agius Fernandez et -vs- Avukat Dr Filippo Nicolo Buttigieg", Prim' Awla, Qorti Civili, 13 ta' April 1953. Intqal fiha illi "l-fondament tal-preskrizzjoni estintiva … hu l-interess li jitqieghed tmiem ghall-proponibilità ta' l-azzjoni, biex l-istat guridiku ta' l-affarijiet li jkun ezista ghal hafna zmien ma jkunx jista' jigi skonvolt mill-ezercizzju tardiv ta' l-azzjoni"; (3) Fis-sentenza, imbaghad, in re "Ester Degabriele et -vs- Joseph Rosso", 26 ta' Frar 1965, il-Qorti ta' l-Appell, Sede Civili, irriteniet dan: "Minghajr ma l-Qorti tidhol fid-diskussjoni dottrinali jekk il-*

*preskrizzjoni estintiva hix biss eccezzjoni kif hemm min isostni, inkella ghandhiex ukoll funzjoni ta' dritt materjali, huwa cert illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha funzjoni importantissima processwali. Ta' min jirrileva illi fil-Kodici taghna, il-preskrizzjoni (estintiva) hija definita bhala mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni, mhux kif jinghad fil-Kodici Taljan, minn obbligazzjoni". Din il-Qorti issoffermat fuq din il-gurisprudenza biex tillustra l-punt illi l-preskrizzjoni hi konsiderata bhala strument procedurali ta' helsien mill-azzjoni, u, in kwantu tali, ma testingwix id-dritt sottostanti tal-kreditur imma merament tostakola r-rimedju tieghu. Tinsorgi hawn il-mistoqsija illi, gjaladarba l-preskrizzjoni ghandha rwol predominantement procedurali, tistax din, ghal persuna azzjonata, titla' ghal livell ta' dritt kwezit. It-twegiba ma hi xejn semplici u, anzi, is-soluzzjoni mhix nieqsa minn diffikoltajiet. Jista', ad ezempju, jigi obbjettat fil-kaz taht ezami illi d-disposizzjoni l-gdida [subinciz (4)] ma zzid xejn aktar hlief li tirrimuovi difiza procedurali li fuqha d-debitur ta' l-obbligazzjoni seta' jikkampa, u dan ma ghandu jkollu ebda impatt fuq id-drittijiet sostantivi tieghu, anke ghaliex fuqu ma jimponux ruhhom ebda pizijiet godda. Certament, rigwardata minn din il-perspettiva ma jistax jinghad illi d-debitur ta' l-obbligazzjoni ghandu xi dritt kwezit, kif imfisser fil-gurisprudenza lokali aktar 'il fuq ezaminata. Dan dejjem, s' intendi, b' dik ir-rizerva illi l-estinzjoni ta' l-azzjoni tal-parti l-wahda ma tigix koncepita wkoll bhala dritt tal-parti l-ohra li, dekors it-terminu preskrittiv, hi thossha libera minn dik l-azzjoni u, allura, l-estensjoni ta' dak it-terminu, hekk skadut, jitqies li jinfluwixxi avversament, u b' mod negattiv, fuq dak id-dritt taghha. Din id-djalettika fl-impostazzjoni appena maghmula mill-Qorti tal-kwestjoni hawn trattata certament ma hi ta' l-ebda konfort ghall-partijiet, u forsi, aktar minn riflessjoni zejda fuq id-"dritt kwezit", is-soluzzjoni ghandha tivverti fuq il-konsiderazzjoni gjà maghmula ta' dawk il-principji tar-ragonevolezza, ta' l-affidament maghmul mill-parti kolpita fuq l-istat tal-ligi kif kienet qabel l-introduzzjoni agguntiva tad-disposizzjoni li estendiet it-terminu tal-preskrizzjoni, u dik tac-certezza ta' l-ordinament guridiku, kif dawn jinsabu senjalati mill-Qorti Suprema fl-Italja. Innegabilment, il-principju gwida li janima l-bzonn tal-preskrizzjoni hu rifless fil-massima "interest reipublicae ut sit finis litium". Ma' din hi abbinata dik il-massima l-ohra li tghid "vigilantibus et non dormientibus, jure subveniunt". **Issa hu veru li applikazzjoni rigoruza ta' dawn il-massimi kapaci tohloq ingustizzja ghal parti li jkollha pretensjoni legittima, specjalment meta ebda tort ma jkun addebitabbli lilha ghan-nuqqas ta' ezercizzju ta' l-azzjoni fiz-zmien statutorju utli. Minn naha l-ohra, ghax "tempus regit actum", fejn ma tkun tezisti ebda raguni plawsibbli, id-dixxiplina tal-fatt ghan-normattiv taz-zmien li fih isehh ghandha tibqa' rispettata. Mhux mistenni, u lanqas accettabbli, allura, illi l-legislatur, bla raguni soda u konvincenti, jinventa mekkanizmu statutorju biex jiccirkumventi l-preskrizzjoni stabbilita u jipprolunga temporanjament it-terminu ghall-proponiment ta' azzjoni ghat-tutela formali eskluziva tad-Dipartiment tat-Taxxa**[2].*

Apparte l-fatt li t-talbiet ghat-thassir tas-sentenza fl-ismijiet "Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Alfred Caruana" Appell Nru. 266/05 fl-10 ta' Jannar 2007 u l-

[2] Enfasi tat-Tribunal.

konsegwenti ritratazzjoni pprezentati mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni gew michuda b'zewg sentenzi fl-ismijiet "Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Alfred Caruana" Appell Nru. 266/05/2 u "Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Alfred Caruana" Appell Nru. 266/05/3 entrambe decizi mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-31 ta' Mejju 2011, dawn il-principji gew ribaditi f'diversi sentenzi ohra moghtija mill-Qrati nostrali, bhal ad ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Frank Fenech Camilleri pro et noe, Rik. Nru. 450/06** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Frar 2008 u fis-sentenza fl-ismijiet **Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Carmel Deguara, Rik. Nru. 405/05** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2008.

Fil-fehma tal-Qorti l-principji enuncjati fis-sentenzi hawn appena citati japplikaw ghall-kaz in ezami in kwantu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma ressaq l-ebda raguni valida biex jiggustifika l-inazzjoni da parte tieghu ghall-gbir tat-taxxa dovuta mir-Rikorrent ghas-snin ta' stima 1978, 1979, 1980 u 1981. Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **"Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Alfred Caruana"**: *Minn dan dedott din* ***il-Qorti ghandha raguni serja tahseb ghall-anqas fl-ambitu tal-fattispeci tal-kaz de quo, illi l-iskop veru ghall-introduzzjoni fil-ligi tas-subinciz (4) ta' l-Artikolu 47 ma kienx dak issuggerit mill-appellat izda, pjuttost, biex taghmel tajjeb ghall-inerzja ta' min, fid-Dipartiment, kien responsabbli biex jassikura l-hlas debitu. Kieku dan kellu jigi applikat jigi li l-ligi saret retroattivament ghall-ommissjoni jew inazzjoni li avverat ruhha taht il-ligi, qabel id-dhul fis-sehh tad-disposizzjoni agguntiva, u dan ma jidherx li hu ragonevoli u, wisq anqas, accettabbli***[3]*. Ara a propozitu f'dan l-istess sens d-decizjoni fl-ismijiet "A.B. -vs- Nutar Vincenzo Gatt nomine", Appell, 17 ta' Ottubru 1957 li, incidentalment, kienet titratta wkoll minn kwestjoni ta' l-estensjoni taz-zmien preskrittiv, anke jekk f' dak il-kaz si trattava minn talba tat-taxpayer ghar-rifuzjoni tat-taxxa minnu mhallsa in eccess ta' dak dovut. Il-materja tinnecessita li tigi ulterjorment inkwadrata fil-qalba tal-principju generali tal-korrettezza u tal-bwona fede ghal liema dejjem ghandhom ikun improntati ir-relazzjonijiet bejn il-kontribwent u l-fisco. Essenzjalment, dak l-affidament li l-kontribwent ikun in bwona fede ghamel fir-rigward tad-disposizzjoni vigenti tal-ligi kif rispekkjata fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 47, u allura tac-certezza ta' l-ordinament guridiku. Irid jigi rilevat li dan il-hsieb ma sabx biss riskontru mill-Qorti Kostituzzjonali fl-Italja izda wkoll mill-Qorti tal-Gustizzja ta' l-Unjoni Ewropea (Ara sentenza taghha ta' l-24 ta' Settembru 2002 in re "G. I. Spa -vs- Ministero delle Finanze"). Anke allura l-aspettattiva ta' dan il-prinicpju ta' affidament fuq l-istat tal-ligi fis-sehh jorbot sew mal-principju generali illi l-legislatur ghandu jevita li jintroduci disposizzjonijiet retroattivi ghall-fatti anterjorment verifikati taht l-istat tal-ligi kif kienet. Wara kollox, mhux inawdit li jigi mtenni li c-certezza tad-dritt ghandha tkun il-mira li ghaliha ttendi is-sistema guridika. Dan il-principju tac-certezza tad-dritt, flimkien ma' dak tan-non-retroattività, huma wkoll pilastri rassikuranti fit-thaddim tal-principji generali tal-ligi komunitarja. Ara para. 13 tad-decizjoni tal-Qorti Ewropea tat-8 ta' Ottubru 1987 in re "Kolpinghuis Nijmegen B.V. (Kaz Nru. 80/86). ... Ghalkemm*

---

[3] Enfasi tat-Tribunal.

*certament il-Qorti tapprezza li l-ingranagg amministrattiv ta dipartimenti kbar, bhal ma hu dak tat-Taxxi Interni, mhux dejjem jahdem b' mod imghaggel, minn naha l-ohra hi tal-ferma konvinzjoni illi fi stat ta' dritt l-legislazzjoni ma ghandhiex issir biex, temporanjament, tkopri d-deficjenzi li jkunu jezistu u biex, bhal f' dan il-kaz, tinnewtralizza "quanto fosse posto in essere a norma di legge" (Kollez. Vol. XXIV P II p 16), daqskemm biex tittutela ahjar r-relazzjonijiet tal-partijiet involuti. Minn dak li rrizultalha, ma jistax ragonevolment zgur jinghad illi l-aggunta fil-ligi bl-Att II ta' l-2004 hi, f' dan il-kaz, predisposta u voluta fl-interess ta' l-appellanti taxpayer imma ghall harsien rigidu u esklussiv tal-fisco.*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li fil-kuntest tal-fattispecie ta' dan il-kaz partikolari dak dispost fl-Artikolu 47(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta ma jsibx applikazzjoni u minflok ghandu japplika dak provdut fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 47 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-konsegwenza ghalhekk li l-azzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-gbir tat-taxxa dovuta mir-Rikorrent ghas-snin ta' stima 1978, 1979, 1980 u 1981 hija preskritta.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' t-talba tar-Rikorrent limitatament ghas-snin ta' stima 1978, 1979, 1980 u 1981 in kwantu l-azzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-gbir tat-taxxa dovuta mir-Rikorrent ghall-imsemmija snin ta' stima hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 47(2) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, izda tichad it-talba tar-Rikorrent in kwantu rigwarda s-snin ta' stima 1982 sa' 1990 in kwantu kuntrarjament ghal dak minnu pretiz l-azzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-gbir tat-taxxa dovuta ghall-imsemmija snin ta' stima ma hijiex preskritta u hija guridikament u fattwalment gustifikata u ghaldaqstant it-taxxa, taxxa addizjzonali w imghax relattivi reklamati mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-snin ta' stima 1982 sa' 1990 huma dovuti mir-Rikorrent.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal 1/3 mir-Rikorrent u 2/3 mill-Kummissarju tat-Taxxi.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**